31983R0031

7.1.1983 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 5/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 31/83
tal-21 ta' Diċembru 1982
dwar miżura komuni *interim* għar-ristrutturazzjoni ta' l-industrija tas-sajd fl-ibħra lokali u l-akwakultura

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 101/76 tad-19 ta' Jannar 1976 li jippreskrivi politika strutturali komuni għall-industrija tas-sajd ([3]) jiddisponi li miżuri komuni jistgħu jiġu deċiżi biex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu sa fejn dawn jirrelataw għall-għanijiet preskritti fl-Artikolu 39(1)(a) tat-Trattat; billi dawn il-miżuri komuni jistgħu jiġu finanzjati mit-Taqsima ta' Gwida tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond", taħt l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([4]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) nru 3509/80 ([5]);

Billi hija meħtieġa azzjoni biex ikun ristrutturat is-sajd fl-ibħra lokali biex ikunu inkoraġġiti l-użu bis-sens tar-riżorsi disponibbli u l-aħjar użu tal-fatturi li jirrigwardaw il-produzzjoni u biex ikun żgurat livell ta' għixien ekwu għal dawk li jiddependu mis-sajd għall-għixien tagħhom; billi, għal dan l-iskop, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill miżura komuni biex tiġi ristrutturata, modernizzata u żviluppata l-industrija tas-sajd u biex tiġi żviluppata l-akwakultura ([6]); billi l-proposta għadha ma ġietx approvata mill-Kunsill;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1852/78 dwar miżura komuni *interim* biex tiġi ristrutturata l-industrija tas-sajd fl-ibħra lokali ([7]), kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2992/81 ([8]), assigurat il-finanzjament mill-Fond, sal-31 ta' Diċembru 1981, ta' proġetti ta' investiment maħsuba biex jiżviluppaw l-industrija *inshore* tas-sajd fl-ibħra lokali jew l-akwakultura; billi din il-miżura kienet maħsuba, l-ewwel u qabel kollox, biex tgħin reġjuni li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet partikolari fl-iżvilupp ta' strutturi ta' produzzjoni fis-setturi in kwistjoni;

Billi, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-miżuri strutturali li għandhom jiġu implimentati globalment bħala parti mill-politika agrikola komuni, miżura bħal din trid tibqa' titwettaq sa l-1982;

Billi kontribuzzjoni mill-Fond f'għamla ta' sussidju kapitali li ma taqbiżx il-25 % ta' l-investiment kollu tirrappreżenta parteċipazzjoni xierqa fis-seħħ ta' dan;

Billi xi reġjuni tal-Komunità jsibu ruħhom fi żvantaġġ mill-aspett tad-dħul u n-nuqqas ta' xogħol kemm fl-industrija tas-sajd u kemm f'oqsma oħra; billi miżuri oħra ta' żvilupp strutturali f'dawn ir-reġjuni għandhom jiġu msaħħa;

Billi għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal għajnuna lill-Kummissjoni;

Billi applikazzjonijiet għal għajnuna mibgħuta għall-ewwel darba skond ir-Regolament (KEE) Nru 1852/78 u bla ma jkollhom għajnuna mill-Fond minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet disponibbli għandhom jiġu milqugħa skond dan ir-Regolament;

([1]) ĠU C 166, tat-3.7.1982, pġ. 4.
([2]) ĠU C 238, tat-13.9.1982, pġ. 81.
([3]) ĠU L 20, tat-28.1.1976, pġ. 19.
([4]) ĠU L 94. tat-28.4.1970, pġ. 13.
([5]) ĠU L 367, tal-31.12.1980, pġ. 87.
([6]) ĠU C 243, tat-22.9.1980, pġ. 5.
([7]) ĠU L 211, ta' l-1.8.1978, pġ. 30.
([8]) ĠU L 299, ta' l-20.10.1981, pġ. 24.

Billi, biex ikun żgurat li l-benefiċjarji jħarsu l-kondizzjonijiet preskritti meta tingħata għajnuna mill-Fond, għandu jkun hemm kontroll effettiv ta' proċedura flimkien mal-possibbiltà li tiġi sospiża, imnaqqsa jew imwaqqfa l-għajnuna mill-Fond,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

Disposizzjonijiet dwar il-proġetti

Artikolu 1

1. Il-Fond jista' jipparteċipa, għas-sena 1982 fil-finanzjament ta' proġetti ta' investiment għal:

— l-iżvilupp ta' sajd fl-ibħra lokali f'reġjuni fejn il-potenzjal għas-sajd jagħmel dan possibbli,

— l-iżvilupp ta' l-akwakultura f'reġjuni li huma partikolarment adattati għal din l-attività.

2. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom jikkostitwixxu miżuri komuni fis-sens ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "proġett" tfisser kull proġett ta' investiment għal:

(a) ix-xiri jew il-bini ta' bastimenti ġodda tas-sajd u l-modernizzazzjoni jew il-bidla ta' xi wieħed jew aktar mill-bastimenti eżistenti;

(b) il-bini, it-tagħmir jew il-modernizzazzjoni ta' stabbilimenti għat-trobbija tal-ħut, krustaċji u molluski fil-melħ jew fl-ilma salmastru.

Artikolu 3

1. Biex ikunu jikkwalifikaw għal għajnuna mill-Fond, il-proġetti msemmija fl-Artikolu 2(a) għandhom jinvolvu bastimenti tas-sajd ta' bejn it-12 u l-14-il metru fit-tul, imkejla bejn il-perpendikulari. Dan il- limitu minimu jista' jitnaqqas minn 12-il metru għal sitt metri għal bastimenti tas-sajd ħlief dawk li jkarkru jew li jużaw ix-xbiek tas-sajd u li jkunu mħaddma minn persuni li s-sajd hu l-attività ewlenija tagħhom.

Barra minn hekk, ix-xogħol ta' modernizzazzjoni jew ta' konverżjoni fuq bastimenti tas-sajd eżistenti msemmija fl-Artikolu 2(a) iridu jitwettqu fuq skala kbira bl-iskop li jiġu razzjonalizzati l-ħidmiet tas-sajd, li l-qbid jiġi priservat aħjar jew li tiġi ffrankata l-enerġija u li jintlaħaq total minimu ta' 65 000 ECU kull proġett.

2. Biex jikkwalifikaw għal għajnuna mill-Fond, il-proġetti ta' l-akwakultura msemmija fl-Artikolu 2(b) għandhom jinvolvu t-trobbija u t-tkabbir ta' ħut, krustaċji jew molluski għal finijiet kummerċjali.

Artikolu 4

1. Il-proġetti għandhom jagħtu garanzija adegwata ta' qligħ u jikkontribwixxu għal titjib ekonomiku fit-tul fl-istrutturi ta' l-industrija in kwistoni.

2. Prijorità għal appoġġ mill-Fond għandha tingħata lil dawk il-proġetti li joħolqu benefiċċju għar-reġjuni li għandhom diffikultajiet partikolari fl-iżvilupp sodisfaċenti ta' strutturi tal-produzzjoni u li jissodisfaw ukoll wieħed jew iżjed mill-kriterji li ġejjin:

— huma konsistenti ma' politika ta' produzzjoni razzjonali u jservu biex itejbu s-sitwazzjoni dwar forniment tas-suq,

— jippermettu diversifikazzjoni fl-attività tas-sajd, partikolarment permezz ta' l-użu ta' diversi metodi ta' sajd konsistentement mar-riżorsi disponibbli fiż-żoni tas-sajd konċernati,

— jikkontribwixxu għal adattament tal-kapaċità eżistenzi għas-sajd relattivament għall-ħtiġijiet ta' konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,

— itejbu l-prospetti ta' xogħol fl-industrija tas-sajd fl-ibħra lokali jew ta' l-akwakultura,

— itejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u, partikolarment, is-sigurtà tal-ħaddiema konċernati.

Artikolu 5

L-Istat Membru konċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni dokument li jikkonferma għal kull proġett

(a) dwar bastimenti tas-sajd:

— li possibbiltà ta' żieda fil-produzzjoni hi kompatibbli mal-qabda potenzjali reali,

— li l-persuna li tħaddem il-bastiment in kwistjoni jkollha taħriġ biżżejjed biex tagħmel l-aħjar użu mit-tagħmir tal-bastiment;

(b) dwar akwakultura:

— li l-ispeċi li magħhom għandhom x'jaqsmu l-proġetti jkunu diġà tkabbru fuq skala kummerċjali.

Artikolu 6

1. Għajnuna mill-Fond għandha tkun tikkonsisti f'sussidju kapitali mħallas f'pagament wieħed jew iżjed.

2. Għal kull proġett:

(a) il-benefiċjarju jrid jiffinanzja għall-inqas 50 % ta' l-investiment totali;

(b) l-Istat Membru jrid jiffinanzja għall-inqas 5 % ta' l-investiment totali;

(ċ) is-sussidju mogħti mill-Fond m'għandux jaqbeż il-25 % ta' l-investiment totali.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, fil-Greċja, Groenlandja, l-Irlanda, l-Irlanda ta' Fuq, l-Italja fil-Mezzogiorno u fid-dipartimenti barranin Franċiżi:

(a) il-benefiċjarju jrdi jiffinanzja għall-inqas 25 % ta' l-investiment totali;

(b) l-Istati Membri jridu jiffinanzjaw għall-inqas 5 % ta' l-investiment totali;

(ċ) is-sussidju mogħti mill-Fond m'għandux jaqbeż il-50 % ta' l-investiment totali.

TITOLU II

Disposizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 7

In-nefqa totali stmata għall-Fond tal-miżura komuni hi ta' 30 miljun ECU. Din iċ-ċifra għandha ssir referenza għaliha biss bħala gwida.

Artikolu 8

1. Applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Fond għandhom jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Frar 1983. Il-Kummissjoni trid tieħu deċiżjoni sal-31 ta' Lulju 1983.

2. Applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Fond għandhom jgħaddu mill-Istat Membru kkonċernat u jridu jkunu approvati mill-istess Stat Membru.

3. Applikazzjonijiet għal għajnuna mibgħuta skond ir-Regolament (KEE) Nru 1852/78 li ma jistgħux, minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet disponibbli, jirċievu għajnuna mill-Fond, jistgħu jiġu kkunsidrati skond dan ir-Regolament u l-kondizzjonijiet preskritti hawnhekk.

Artikolu 9

1. Deċiżjoni dwar għajnuna mill-Fond għandha tittieħed skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 12, wara li l-Kumitat tal-Fond ikun ġie kkonsultat dwar l-aspetti finanzjarji.

2. Id-deċiżjoni dwar għajnuna għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat u lill-benefiċjarji.

Artikolu 10

1. Għajnuna mill-Fond għandha tingħata lil persuni naturali jew ġuridiċi jew gruppi tagħhom li jkunu finalment responsabbli finanzjarjament għall-proġett.

Pagamenti ta' għajnuna mill-Fond għandhom isiru mill-aġenzija nominata għal dan l-iskop mill-Istat Membru kkonċernat.

2. Id-dipartiment jew aġenzija nominata għal dan l-iskop mill-Istat Membru għandha tibgħat lill-Kummissjoni fuq talba id-dokumenti ġustifikattivi kollha u d-dokumenti kollha li juru li l-kondizzjonijiet finanzjarji u oħrajn imposti għal kull proġett huma mħarsa. Il-Kummissjoni tista', jekk meħtieġ, tagħmel żjarat ta' spezzjoni.

Wara li tikkonsulta lill-Kumitat tal-Fond dwar l-aspetti finanzjarji, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi, tnaqqas jew twaqqaf l-għajnuna mill-Fond, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 12:

— jekk il-proġett ma jitwettaqx skond ma kien ippjanat, jew

— jekk xi kondizzjonijiet imposti ma jiġux imħarsa, jew

— jekk il-benefiċjarju, kontra dak li jkun inkiteb fl-applikazzjoni u li ġie ripetut fid-deċiżjoni biex jingħata l-għajnuna, ma jkunx beda x-xogħol fi żmien sentejn min-notifika ta' dik id-deċiżjoni, u jekk sa l-aħħar tal-perjodu, ma jkunx ta assigurazzjonijiet adegwati li l-proġett se jitwettaq.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat u lill-benefiċjarju.

Il-Kummissjoni għandha tieħu lura kull ammont ta' flus mhux imħallas jew li tħallas meta ma kienx suppost.

3. Bla ħsara għall-Artikolu 108(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], kif emendat bir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1252/79 [2], l-approprjazzjonijiet magħmula disponibbli b'deċiżjoni meħuda skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 jew għaliex il-benefiċjarju jabbanduna l-proġett jew inaqqas l-investimenti preskritti fid-deċiżjoni biex tingħata l-għajnuna, jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw proġetti oħra.

Artikolu 11

Id-dettalji li jrid ikun hemm fl-applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Fond imsemmija fl-Artikolu 8 u l-għamla ta' kif il-proġetti jridu jiġu ppreżentati għandhom ikunu dawk preskritti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1898/80 [3].

[1] ĠU L 356, tal-31.12.1977, pġ. 1.
[2] ĠU L 160, tat-28.6.1979, pġ. 1.
[3] ĠU L 187, tal-21.7.1980, pġ. 1.

Artikolu 12

1. Meta l-proċedura preskritta f'dan l-Artikolu trid tiġi segwita, il-kwistjoni għandha tiġi referita lill-Kumitat Permanenti għall-Industrija tas-Sajd, fuq l-inizjattiva tal-president tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' l-Istat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien preskritt mill-president skond l-urġenza tal-kwistjoni. Opinjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza ta' 45 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri piżati skond l-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri, u dawn għandhom japplikaw mill-ewwel. Madankollu, jekk ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Industrija tas-Sajd, il-Kummissjoni għandha minnufih tgħaddihom lill-Kunsill; f'dak il-każ il-Kummissjoni tista' tipposponi l-applikazzjoni tagħhom għal mhux aktar minn xahar mid-data ta' meta tkun għaddiethom. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jadotta miżuri oħra fi żmien xahar.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

O. MØLLER